MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 708/2011

**George Zammit**

**Vs**

**Malta Freeport Terminals Limited u Raymond Felice**

Permezz ta’ rikors guramentat prezentat fit-22 ta’ Lulju 2011 l-attur ippremetta li huwa registrat bhala port-worker u fit-12 ta’ Mejju 2010 kien involut f’incident fil-post tax-xoghol. Qal ukoll li waqt li kien qieghed jaghmel xoghol ta’ lashing/unlashing, il-konvenut Felice li kien qieghed jopera l-krejn ghamel manuvra li wassal sabiex parti mill-irbit tal-container (twistlock) inqaras u nizel b’sahha fuq l-attur. Incident li fih ighid li sofra griehi serji u ksur f’diversi partijiet ta’ gismu. Dan wassal sabiex l-attur ma jkunx jista’ jahdem ghal perjodu twil u sofra telf ta’ qliegh u debilita’ permanenti. Spjega wkoll li l-konvenuti huma responsabbli ghal dan l-incident minhabba nuqqas ta’ diligenza, prudenza u hsieb u wkoll peress li l-kumpannija konvenuta ma pprovdietx a *safe working environment*. Ghalhekk talab lill-qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-konvenuti huma solidalment responsabbli ghall-incident li sehh fit-12 ta’ Mejju 2010 fuq il-bastiment Er Soul li kien fil-Malta Freeport, Terminal 2, Kalafrana.
2. Tillikwida d-danni.
3. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex solidalment ihallsu d-danni lill-attur.

Il-konvenuti wiegbu li:-

1. Il-konvenut Raymond Felice kien, fil-gurnata tal-incident, impjegat ta’ Malta Freeport Terminals Limited u kien qieghed jaqdi dmirijietu fuq il-post tax-xoghol.
2. L-incident sehh tort tal-attur stess minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti fil-post tax-xoghol.

Il-qorti rat l-atti.

**<u>Responsabbilta</u>**.

Skond ma xehed l-attur, l-incident gara meta kienu qeghdin jinhattu containers minn fuq il-bastiment Er Soul. Ezercizzju li jsir bl-uzu ta’ *gantry-crane* li kien qieghed jinstaq mill-konvenut. L-attur xehed:

*“Malli l-crane operator nizzel l-ispreader fuq il-containers tal-ghoxrin (20) pied, gara li l-istess spreader, minflok tnizzel bil-galbu tnizzel bis-sahha, b’konsegwenza li l-iskoss kagunat wassal biex wiehed mit-twistlocks tal-container impoggi taht il-container (li l-crane operator beda jipprova jahtaf bl-ispreader), beda jerga’ jinghalaq. Dan wassal biex il-container li kien qed jinhataf mill-ispreader beda jerga’ jehel f’kantuniera wahda biss mal-container ta’ tahtu.*

*Jien zgancajt dan it-twistlock (li jien kont sgancajt aktar qabel meta zgacajt it-twistlocks ta' kull conatiner). Nispjega li biex nisgancja t-twistlock, il-crane operator kellu bilfors jerga' jserrah il-container fuq ta' tahtu, altrimenti jiena ma stajtx niftah it-twistlock. Beda jigri li meta l-crane operator beda jnizzel l-ispreader, kull darba beda jerga' jigi maghluq twistlock differenti, dan ghaliex il-crane operator beda kull darba jinzel bis-sahha u bi skoss. Dan sehh ghal erba' darbiet wara xulxin, u niftakar li wissejt lid-deckman, adett tas-socjeta konvenuta, sabiex naghmlu x-xoghol bil-mod ghaliex kien ser ikorri xi hadd minna…..*

*Gara illi mal-hames tentattiv, il-container issa kien iccaqlaq ftit mhux hazin bl-iskossi ripetuti. Il-crane opertor vira izda rega' llokja twist-lock. Biex jien inkun nista' niftah it-twist-lock, kif spjegajt aktar' il fuq, il-crane operator kellu jserrah il-container fuq ta' tahtu. Il-crane operator nizzel bis-sahha l-continer ta' fuq li issa ma kienx ipposizzjonjat direttament fuq il-container ta' tahtu, u konsegwenza ta' dan inqarset it-twist-lock bil-piz tal-container u taret b'sahha kbira direttament ghal fuq mohhi u fuq spalti"* (fol. 30).

Il-konvenut Raymond Felice spjega:-

*"….. mill-container li ridt naqbad jiena kont gholi 8 sulari. Jiena ma nkunx nista nara pero jkolli ragel jiggwidani ir-radio….".* Spjega li d-deckman kienu qallu li wahda mit-twistlocks kiene ghadha maghluqa u *"Id-deckman qalli biex nirtira naqra u rtirajt daqsxejn u nasheb jiena c-cappa giet ghalih. Nghid jiena fl-ebda hin ma kont qed nara lil George Zammit u ghalhekk ma nistax nghid x'gara bhala fatt. Jiena bdejt nimxi skond li qalli tar-radio. L-incident jiena ma rajtux isehh. Indunajt bl-incident ghax smajt l-ghajjat"* (fol. 55). Zied ighid: *"Nghid li ghandi levers u joystick u indicator. Nghid li jekk l-indicator ikun ahdar ifisser li t-twistlock huwa miftuh u jekk ikun ahmar, it-twistlock huwa maghluq. Nghid li l-bozoz kienu qed jahdmu dak inhar tal-incident. Nghid li kienu qed jindikaw ahmar, cioe' li t-twistlock kien maghluq. Jiena kelli 8 twistlocks…. Meta gara l-incident, mistoqsi liema bozza kienet tixghel, nghid la kont llukjat tixghel bozza hamra. Hekk suppost. Qed nigi mistoqsi li gara hekk, nghid la kien llukkjat il-bozza tixghel hamra. Il-bozza tixghel hamra biss jekk ikunu t-twistlocks kollha llukjati."* (fol. 56).

Dakinhar tal-incident Mario Cassar kien qieghed jahdem ma' gemb l-attur. Spjega:

*"…. George Zammit nghid li kien fetah it-twistlocks kollha kemm huma. Il-containers kienu tal-20. Meta l-crane operator vira, nghid li vira darba. Jiena u George konna fil-genb, fejn xulxin. Malli vira kien hemm cappa fin-nofs maghluqa. F'dan il-kaz kien hemm kuridur zghir. Malli vira kien hemm cappa maghluqa, jiena ghidt lill-operator biex jerga' jmajna. Majnajna. Ghidt lil George. Morna nifthuha. George qalli vira bil-mod. Malli vira l-operator, din ic-cappa*

*waqghet u gie fuq George Zammit. Qed nigi mistoqsi jekk ic-cappa hux suppost li nqalghet minn postha. Nghid li le, mhux suppost. Ma nafx ir-raguni ghalfejn inqalghet"* (fol. 141).

Wara li l-qorti rat l-atti, taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet:

1) Ma ngiebet l-ebda prova li t-twistlock in kwistjoni kienet difettuza;

2) Hu fatt li l-*gantry crane operator* kien qieghed f'posizzjoni ghola minn fejn kien qieghed l-attur u Mario Cassar. Minn dak l-gholi hu difficli hafna li l-konvenut ikollu vizwali tajba ta' dak li qieghed jigri. Dan sakemm ma jkollux monitor b'sistema ta' cameras. Madankollu skond ma xehed Felice, fil-kabina ghandu dak li rrefera ghalihom bhala *indicators*; *"Nghid li jekk l-indicator ikun ahdar ifisser li t-twistlock huwa miftuh u jekk ikun ahmar it-twistlock huwa maghluq"*. Spjega li meta sehh l-incident l-indicator kien kulur ahmar. Il-konvenut qal li d-deckman, li l-qorti tifhem li kien Mario Cassar, *"... qalli biex nvira u varajt naqra u c-cappa harget u waqghet fuqu"*. Il-qorti ma tistax tifhem ghalfejn Felice ghamel din il-manuvra gialadarba, kif qal hu, kienet mixghula l-bozza l-hamra. Ghalkemm qal li *"... jekk hemm twistlock imqabbad bejn il-container li hu mqabbad mal-spreader ghal container ta' tahtu, ma hemmx x'jurini fil-kabina"* (fol. 57), pero' bil-mod li xehed ta x'jifhem li l-bozza l-hamra turi li kien ghadu ma wasalx il-mument li l-container jittella' 'l fuq.

3) Mario Cassar xehed: *"Mistoqsi qabel il-crane operator vira, x'ghamel George Zammit nghid, li kien fetah it-twistlocks kollha kemm huma... Meta l-crane operator vira, nghid li vira darba"* (fol. 141). Jekk l-affarijiet graw b'dan il-mod, il-qorti ma tarax kif seta' sehh dan l-incident. Il-verzjoni li rrakkonta l-attur tidher li hi iktar verosimili[1].

4) Il-konvenut Felice, bhala l-*crane operator*, ghandu responsabbilta' li b'mod efficjenti u sikur ighabbi u jhott containers. 'Il fatt li t-twistlock inqalghet minn postha, meta l-qorti qeghda tifhem li mhux suppost li gara hekk u meta m'hemmx prova li kienet difettuza, hi fiha nnifisha prova li l-operat tal-crane ma kienx qieghed isir b'mod sikur. Mario Cassar stess xehed: *"... qed nigi mistoqsi jekk din ic-cappa hux suppost li nqalghet minn postha.* ***Nghid li le mhux suppost****"* (fol. 141).

5) Ghalkemm il-konvenuti qalu li l-incident sehh tort tal-attur, ma tressqux provi f'dan is-sens. M'hemmx provi li l-attur ma kien qieghed jaghmel xejn differenti milli kien jaghmel is-soltu. Fil-fatt irrizulta wkoll kif hdejh kien hemm haddiem iehor, Mario Cassar.

[1] Ara affidavit tal-attur a fol. 29-30.

6) L-attur semma li *"Kien hemm ukoll nuqqas ta' komunikazzjoni mal-crane operator li wassal ghall-incident"* (fol. 30)[2]. Hu veru li l-attur ma kellux radio li bih seta' jitkellem ma' Felice. Madankollu rrizulta kif Mario Cassar kien il-persuna li qieghed jikkomunika ma' Felice, u dan kien ma' gemb l-attur. Il-qorti ma tarax kif mezz ta' komunikazzjoni bejn l-attur u Felice kien ser iservi sabiex dan l-incident ma jsehhx.

7) L-attur jilmenta wkoll li l-kumpannija konvenuta naqset milli *".. tispezzjona l-lant tax-xoghol qabel ma beda x-xoghol, u waqt li kien qed isir ix-xoghol. Hadd ma kien hemm mis-socjeta intimata biex jikkontrolla li manuvri bhal ma ghamel Felice, li jvira l-krejn b'tiwst lock imwahhal u bil-container ghalhekk imqabbad ma' tahtu, ma jsirux"*[3]. Il-qorti ma taqbilx. Ix-xoghol kien qieghed jitwettaq mill-persuni li suppost kienu qeghdin iwettquh. M'hemmx xi prova li l-persuni ngaggati ma kienux kompetenti jaghmlu dak it-tip ta' xoghol. Issemma wkoll li l-kumpannija konvenuta ma baghtet lil xi hadd biex jaghmel spezzjoni fil-bastiment. Il-qorti ma tarax kif fil-kaz in ezami xi spezzjoni kienet ser twassal biex ma jsehhx l-incident.

8) L-attur argumenta wkoll li l-kumpannija konvenuta tincentiva l-ghaggla ghaliex thallas iktar jekk jittellghu jew jinhattu iktar minn numru stabbilit ta' containers f'hin stabbilit. Il-qorti ma tara xejn irregolari f'incentivi simili. M'hemmx prova li l-incentivi li tista' qeghda toffri l-kumpanniji konvenuta hi l-kawza tal-incidenti li jigru fil-Freeport. Hu maghruf li f'dan il-qasam hemm kompetizzjoni qawwija u l-operatur m'ghandux ghazla, jekk irid jibqa' kompetittiv, li jzied il-produzzjoni[4]. Din ma tigrix biss f'dan it-tip ta' xoghol. Ovvjament dan m'ghandux ikun a skapitu tas-sigurta' tal-haddiema li jahdmu fil-Freeport. Pero' f'dan il-kuntest it-tezi tal-attur baqghet biss allegazzjoni. Fejn jopera l-bniedem hu mistenni li f'xi hin jew iehor ser isir zball. Bir-ragunament tal-attur (ara nota ta' sottomissjonijiet) ikun ifisser li Malta Freeport Terminals Limited hi responsabbli ghal kull incident li jigri fil-Freeport.

9) Fil-fehma tal-qorti gantry crane ghandu jkollha nstallat apparat li kien jippermetti lil Felice li jara x'qieghed jigri tahtu. Din hi r-responsabbilta' tal-kumpannija konvenuta. M'hemmx dubju li persuni li jaghmlu t-tip ta' xoghol tal-attur qeghdin jahdmu f'ambjent ferm perikoluz fejn facilment isehh incident. Ghalhekk min jopera l-Freeport ghandu d-dmir li jizgura li jittiehdu mizuri sabiex kemm jista' jkun dan il-periklu jittaffa. Bil-mezzi ta' teknologija li jezistu llum xejn mhu difficli. Ovvjament irid ikun hemm impenn li wiehed jinvesti f'apparat li joffri din is-sigurta' lill-haddiema. Ghalhekk ir-responsabbilta' tal-kumpannija konvenuta hi fis-sens li naqset milli tiehu dawk il-mizuri sabiex ix-xufier ikun f'posizzjoni li jkun jista' jara mill-vicin dak li

[2] Ara wkoll nota ta' sottomissjonijiet.
[3] Paragrafu (e) nota ta' sottomissjonijiet.
[4] Sahansitra llum il-guranta hawn portijiet li qeghdin jaghmlu uzu minn *automated gantry cranes.*

qieghed jigri tahtu. Hu veru li mill-provi rrizulta li l-attur m'huwiex impjegat tal-kumpannija konvenuta. Pero' kif osservat din il-qorti[5] fil-kawza **R. Spiteri vs Malta Freeports Terminal Limited et** deciza fil-5 ta' Ottubru 2007: *"Kif qalet il-Qorti fis-sentenza P.A. Benjamin Sammut vs Meli Bugeja Co. Ltd 10/7/2006 ir-responsabbiltà ghal incidenti fuq il-post tax-xoghol ma tqumx biss mir- relazzjoni ta' bejn haddiem u min ihaddmu. Meta l-ambjent tax-xoghol qieghed taht il-kontroll ta' min jaghti x- xoghol, dan ghandu dmir illi jaghmel dak li hu ragonevolment mehtieg u prattiku biex jelimina jew, ghallinqas, inaqqas il-perikoli u r-riskji ghal dawk li hu jqabbad biex jaghmlu xoghol fl-interess tieghu f'dak l- ambjent. Il-kriterju ghalhekk, huwa jekk il-post tax-xoghol huwiex taht il-kontroll ta' min jaghti x-xoghol"*.

Il-konkluzjoni tal-qorti hi li z-zewg konvenuti huma responsabbli. Responsabbilta' li hi solidali b'applikazzjoni tal-Artikolu 1050 tal-Kodici Civili.

**<u>Likwidazzjoni tad-danni</u>**.

L-attur twieled fis-7 ta' Settembru 1960. Ghalhekk meta sehh l-incident kellu **49 sena**.

Skond dikjarazzjoni ta' Transport Malta minhabba l-griehi li garrab l-attur, ma kienx irraporta ghax-xoghol fil-perjodu bejn it**-12 ta' Mejju 2010 u l-11 ta' Ottubru 2010**. Hadd mill-konvenuti ma kkontesta tali fatt u li l-attur kien fizikament f'siktu li jirritorna lura ghax-xoghol 5 xhur wara l-incident. Dan apparti li George Ciantar xehed: *"Ghandna t-tabib tax-xoghol taghna u jekk hu jkun wegga' hemm ic-certifikat tal-ispecjalist."* (fol. 54).

F'dan il-perjodu l-attur tilef is-salarju ta' **€36,988.69** (fol. 41)[6]. L-attur xehed:

*"Jien thallast is-somma ta' €5,995.35 sakemm domt nieqes mix-xoghol, konsistenti f'beneficcju li jinghata lill-haddiema licenzjati tal-port meta jkunu korruti u ma jkunux jistghu jattendu fuq il-post tax-xoghol."* (fol. 31).

L-attur qieghed ghalhekk jippretendi s-somma ta' €30,993.35 bhala *damnum emergens*. Il-qorti ghandha rizerva fis-sens li c-cifra li qieghed jippretendi l-atturi hi *gross wage* (ara dokument a fol. 59), li m'huwiex id-dhul nett. Id-*damnum emergens* jithallsu mhux sabiex id-danneggat jaghmel qliegh finanzjarju, izda sabiex jerga' jitqieghed fil-posizzjoni li kien

[5] Imhallef G. Valenzia.
[6] Ara wkoll deposizzjoni ta' George Ciantar, manager tal-Port Workers (fol. 53).

qabel sehh l-incident. Li kieku l-attur hadem fil-perjodu tat-12 ta' Mejju 2010 u 11 ta' Ottubru 2010 ma kienx ser idahhal fil-but is-somma ta' €36,988.69 ghaliex minn dak l-ammont kien ser jitnaqqas it-taxxa. Dan kif jirrizulta mid-dokument Final Settlement System (FSS) ghas-snin 2007-2009 li l-attur stess ipprezenta (fol. 38-40). Ghalhekk bazat fuq dak li hemm dikjarat ghas-sena 2009, il-qorti qegha arbitrio *boni viri* tnaqqas is-somma ta' sebat elef ewro (€7,000). Ghalhekk l-ammont dovut hu ta' **€23,993.35**.

Il-qliegh tal-attur (ara fol. 38-40) kien:

- Sena 2007 - €70,731;
- Sena 2008 - €68,709;
- sena 2009 - €72,976;

Il-qorti ser taghmel il-kalkoli fuq **€74,000 fis-sena**.

Ghal dik li hi debilita' permanenti, il-perit mediku Massimo Abela rrelata li fl-1 ta' Novembru 2011 kien ezamina lill-attur u:

*"George Zammit kien involut f'incident fuq il-post tax-xoghol fil-5/5/2010. Huwa ntlaqat minn twistlock f'rasu u fl-ispalla tax-xellug. Rizultat tad-daqqa garrab ferita f'wiccu u ksur tal-klavikola tax-xellug. Il-ferita hallitlu cikatrici zghira f'wiccu. Ghalkemm jidher li l-ksur tal-klavikola fieq, ma' dan kollu l-klavikola ghandha diformita u hija iqsar. Dan jista' jwassal ghal diffikultajiet biex igorr basktijiet fuq l-ispalla".*

Il-perit mediku kkonkluda li l-attur ghandu debilita' permanenti ta' **2%**. Hadd mill-partijiet ma kkontesta din l-opinjoni. Ghalhekk fil-kalkoli li ser tkun qeghda taghmel, il-qorti ser taddotta din ir-rata ta' debilita'.

Ghal dak li jikkoncerna l-*lump sum payment*, il-qorti ser tnaqqas 20% gialadarba l-attur ipprezenta l-kawza fit-22 ta' Lulju 2011 u ghadhom m'ghaddewx tlett snin mid-data tal-incident.

Bhala *multiplier* l-attur qieghed jipproponi 11 il-sena. Il-qorti ser taghmel il-kalkoli fuq 10 snin meqjus ukoll li hawnhekk qeghdin fil-kamp tal-incertezza.

€74,000 x 10 snin x 2% - 20% = **€11,840**.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u:-**

1. **Tiddikjara li l-konvenuti huma solidalment responsabbli ghall-incident li sehh fit-12 ta' Mejju 2010 gewwa l-Malta Freeport li fih wegga' l-attur.**
2. **Tillikwida d-danni fis-somma ta' hamsa u tletin elf tmien mija u tlieta u tletin ewro u hamsa u tletin centezmu (€35,833.35).**
3. **Tikkundanna lill-konvenuti sabiex solidalment ihallsu lill-attur is-somma ta' hamsa u tletin elf tmien mija u tlieta u tletin ewro u hamsa u tletin centezmu (€35,833.35).**

**Spejjez solidalment a karigu tal-konvenuti.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------